MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 243/1996/1

**Bencini & Diacono Company Limited**

**vs**

**Dr. Tonio Mallia u PL Vera Lungaro Mifsud kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lid-ditta estera Skanska International Building AB u b'digriet tal-25 ta' Frar 1997, Hans Nordahl bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Skanska International Building AB gie awtorizzat jassumi l-atti tal-kawza.**

**Il-Qorti**

**PRELIMINARI**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta’ attrici ppremettiet Illi:

Billi f’Ottubru, 1993 is-socjeta’ attrici kienet ikkuntattjat lis-socjeta’ konvenuta sabiex tara hiex interessata bil-progett tal-isptar San Raffaele f’Malta u sabiex jinteressaw lill-istess socjeta’ konvenuta f’ partecipazzjoni fl-appalt ghall-istess progett;

U billi wara diskussjonijiet bejn il-partijiet is-socjeta’ konvenuta talbet lill-atturi sabiex jibghatulha d-dokumenti tat-*tender* ghall-appalt in partikolari ghall-*qualification documents* li dawn baghatulha bil-*courier;*

U billi sussegwentement saru diversi telefonati biex jigi identifikat sieheb Malti li kellu jippartecipa maghhom fl-appalt ghal dan il-progett u fil-kors u ghal dan il-ghan l-atturi kienu irrangaw diversi laqghat ghal u fl-interess tas-socjeta’ konvenuta ma’ diversi kuntratturi Maltin sabiex ikun jista’ ssir din is-shubija sabiex jippartecipaw f’dan il-progett;

U billi fost in-nies li ntroducew lis-socjeta’ konvenuta l-atturi ntroducew lill-istess is-socjeta’ *Blokrete Limited* sabiex jigi konkjuz is-shab ghal dan il-progett;

U billi sussegwentement ghal din l-introduzzjoni s-socjeta’ konvenuta effettivament ghamlet shab mas-socjeta’ *Blokrete Limited* u sussegwentement ghaddew flimkien biex jiehdu l-appalt tal-progett fuq imsemmi tal-isptar San Raffaele li kien jiswa diversi miljuni ta’ liri maltin;

U billi ghalhekk is-socjeta’ attrici bhala l-persuni li ntroducew lis-socjeta’ konvenuta ghas-socjeta’ *Blokrete Limited* u li jinteressawha fil-progett tal-appalt tal-Isptar San Raffael huma ntitolati ghal senserija jew kumpens ghas-servigi minnhom rezi lill-istess socjeta’;

U billi ghalkemm interpellati biex jaddivjenu ghall-hlas tal-istess senserija jew servigi s-socjeta’ konvenuta baqghet ma ghamlet xejn;

Jghidu il-konvenuti nomine ghaliex dina l-Qorti ma ghandiex tikkundannhom ihallsu:

1. lis-socjeta’ attrici dik is-senserija jew ammont dovut ghall-servigi minnhom rezi f’dak l-ammont li jigi likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti u dan ghal l-introduzzjoni u xoghol li huma ghamlu fl-interess tas-socjeta’ attrici mal-fuq imsemmija socjeta’ *Blokrete Limited* u fil-progett tal-isptar San Raffaele fuq imsemmi:

Bl-imghax kummercjali mid-data tal-pagament dovut u bl-ispejjez.

Il-konvenuti huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process.

Rat in-**Nota tal-Eccezzjoniet tal-kuraturi deputati** a fol. 9 tal-process fejn ecceppew:

1. Preliminarjament, in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, huma m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti datat 25 ta’ Frar 1997 fejn Hans Nordahl gie awtorizzat jassumi l-atti tal-kawza bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Skanska International Building A.B.

Rat in-**Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut** Hans Nordahl a fol. 18 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta’ giuridizzjoni tal-Qrati Maltin.

2. Illi fil-mertu ic-citazzjoni attrici hija nulla u bla effett stante li s-socjeta' konvenuta kif indikata ma tezistiex.

3. Illi wkoll in linea preliminari, l-hatra ta' kuraturi deputati, saret inkorrettament stante li b'ittra legali datata 4 t'Ottubru 1995, is-socjeta' attrici giet indikata fejn setghet tinnotifika bil-bandu, u di piu l-kuratur attwali, waqt l-ittra ufficjali gie avvicinat mill-ewwel sabiex kif jircievi l-ittra ufficjali jinnotifika lid-difensur sottofirmat, liema haga il-kuratur baqa' ma ghamilx, hlief hafna wara li gie notifikat bic-citazzjoni.

4. Illi fil-mertu, u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' estera ma ghandha u qatt ma kellha ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici, in partikolari dwar l-allegazzjonijiet kontenuti fl-istess citazzjoni.

5. Illi di piu u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma lkoll inveritieri stante li mhux minnu li s-socjeta' attrici ntroduciet lis-socjeta' *Blokrete Limited,* mas-socjeta' attrici kif jigi ampjament ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi di piu u bla pregudizzju ghall-premess, il-principju ta' senserija ma japplikax ghal kaz *de quo*, u di piu u bla pregudizzju ghall-premess, ma gew rezi ebda servigi la fil-konfront tas-socjeta' konvenuta u lanqas fil-konfront tas-socjeta' *Blokrete Limited,* u certament dak allegat fic-citazzjoni huwa fittizju u bla ebda fondament kwalunkwe.

7. Illi di piu u bla pregudizzju ghall-premess, kull assocjazzjoni tas-socjeta' konvenuta ma' terzi, u l-appalt de quo sar biss wara process twil ta' *tendering* li anke dwaru is-socjeta' attrici kienet estranea, u it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess.

Salvi Eccezzjonijiet Ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw:

**FATTI**

F'Ottubru tas-sena 1993, is-socjeta` attrici ikkomunikat mas-socjeta` konvenuta fejn infurmatha li l-Gvern Malti kien hareg tender ghall-bini ta' Sptar. Inizjalment is-socjeta` konvenuta ma wrietx interess fil-progett stante illi kien hemm Gvern involut kif wkoll ghaliex hasset illi kien progett zghir wisq ghaliha. Izda izjed tard rapprezentant taghha kien accetta li jigi Malta sabiex jiltaqa' ma kuntratturi Maltin u jiddeciedi jekk kienx hemm interess f'dan il-progett.

Meta wasal Malta Ulf Lagerstrom, rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, gie milquh minn rapprezentant tas-socjeta` attrici li akkompanjawh ghal-laqgha mal-kuntrattur Charles Polidano. Wara din il-laqgha huma ghamlu tentattiv sabiex ilaqqghu lil Lagerstrom ma' Joseph Fenech ta' Blokrete Limited. Is-socjeta` attrici tghid li gie ffissat appuntament bejn Lagerstrom u Blokrete Limited mentri s-socjeta` konvenuta tghid illi qabel ma gie Malta Lagerstrom, is-socjeta' konvenuta diga kellha kuntatti ma' Blokrete Limited tramite l-periti taghhom u li s-socjeta` attrici ma kienitx laqqghathom ma' Blokrete billi diga kellhom appuntament maghhom.

Eventwalment is-socjeta` Skanska International Building AB ittenderjat flimkien ma' Blokrete Limited u ohrajn u rebhet il-kuntratt ta' l-Isptar. Is-socjeta' attrici ghalhekk qed tfittex ghal senserija jew ammont, dovut ghall-servigi minnhom rezi.

**KONSIDERAZZJONIET**

<u>In-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin</u>

Il-konvenuti ressqu eccezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin izda fl-ebda mument u lanqas fit-trattazzjoni finali ma spjegaw a bazi ta' liema artikolu tal-ligi huma qed jibbazaw l-eccezzjoni taghhom. Nonostante dana l-Qorti tikkunsidra illi s-socjeta` attrici hija wahda Maltija, l-allegati servizzi gew rezi Malta, it-*tender* jikkoncerna sptar Malti, il-process tat-*tendering* kollu sehh hawn Malta, ghalhekk hi tal-fehma li ghandha gurisdizzjoni li tiddeciedi l-kaz odjern. Ma jezisti ebda kuntratt bejn il-partijiet fejn dawn setghu ddikjaraw minn qabel liema Qrati ghadhom ikollhom gurisdizzjoni, f'nuqqas ta' ftehim bejniethom.

Ghalhekk il-Qorti qed tichad din l-eccezzjoni preliminari.

<u>Socjeta` estera kif citata ma tezistix</u>

Il-konvenuti qed jeccepixxu wkoll li c-citazzjoni attrici hija nulla u bla effett stante li s-socjeta' konvenuta kif indikata ma tezistiex. Jidher li l-konvenuti qed jirreferu ghall-fatt li fl-att tac-citazzjoni u dikjarazzjoni l-isem tas-socjeta konvenuta tnizzel bi zball evidenti bhala Skansa u mhux Skanska. Jirrizulta pero' li meta Hans Nordahl assuma l-atti tal-kawza flok il-kuraturi hu assuma tali atti ghan nom ta' Skanska International Building AB u jekk kien hemm xi zball dana gie sanat mill-istess konvenuti. Huma ma kellhom ebda dubbju ragjonevoli dwar l-identita' tal-kumpanija li taghha huma kienu qed jassumu l-atti. (Ara App Vella et vs Galea et 23/10/1991; App Gatt Baldacchino vs Arcidiacono 17/1/2007).

Ghalhekk it-tieni eccezzjoni hija wkoll infondata u qieghda tigi michuda.

**<u>Mertu</u>**

Il-Qorti tirrileva li mill-atti processwali jirrizulta li hemm konflitt ta' provi u l-kwistjoni devoluta quddiemha tirriduci ruhha ghall-wahda ta' apprezzament ta' provi.

Is-socjeta` attrici titlob "dik is-senserija jew ammont dovut ghal servigi minnhom rezi". Il-Qorti tirrileva illi fil-kaz in

ezami zgur li ma hemmx lok ghal hlas ta' senserija. Bl-ebda mod ma jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet involuta fin-negozjati li wasslu ghall-ftehim bejn Skanska International Building AB u Blokrete Limited u l-eventwali rebh tat-*tender*. Fil-fatt is-socjeta' attrici kienet ghadha biss fil-fazi esploratorja biex thajjar lill-konvenuti jidhlu ghall dana l-progett. Is-socjeta' attrici lanqas ma kienitx involuta fil-parti fejn gie sottomess it-*tender* relattiv, fin-negozjati dwar il-prezz u negozjati ohra li setghu wasslu sabiex il-konsorzju jirbah il-kuntratt ghall-bini tal-Isptar.

Ghalhekk senserija mhiex dovuta.

Madanakollu dan ma jfissirx illi s-socjeta` attrici ma tatx xi servizz lis-socjeta` estera. Il-Qorti hi tal-fehma li ukoll bl-intervent ta' Bencini & Diacono Company Limited, is-socjeta` estera hadet konjizzjoni u interess f'dan il-progett, interess li wassalha sabiex eventwalment tiehu l-kuntratt in kwistjoni. Jirrizulta li fil-bidu Skanska ma wrietx interess li tidhol ghall-dan il-progett u dana huwa dokumentat. Kienu saru diversi telefonati u korrispondenza bejn il-partijiet u s-socjeta` konvenuta ddecidiet li tibghat rapprezentant Malta sabiex jesplora sewwa l-opportunita` tal-bini ta' l-isptar.

Izda l-Qorti hi tal-fehma wkoll li s-socjeta` attrici ma rnexxiliex tipprova illi kienet hi li laqqghet lil Skanska International Building AB mal-kuntrattur Malti Blokrete Limited. Jidher illi kien hemm diga kuntatti ghaddejjin bejn dawn it-tnejn, minn qabel ma Ulf Lagerstrom ghamel il-vizta hawn Malta. Lagerstrom ma zvelax dan il-fatt lis-socjeta` attrici, naturalment bhala tattika min-naha tieghu sabiex jikseb l-iktar pakkett favorevoli ghad-ditta tieghu. Inoltre, hemm korrispondenza min-naha ta' Lagerstrom fejn huwa talab l-ismijiet ma' min kellu jiltaqa hawn Malta u l-hinijiet ta' l-istess laqghat. Kif graw il-fatti wiehed jista' jifhem l-iskop ghal dina t-talba. Lagerstrom ried jiffissa laqghat ma' kuntratturi interessati ohra. Kieku ma kienx hekk, hu ma kienx ikollu bzonn din l-informazzjoni.

Skond l-atturi, Skanska International Building AB dejjem hallset lis-socjeta` attrici ghall-involviment fi progetti ohra li

ghamlu flimkien fil-passat. F’dan il-kaz il-konvenuti ma ridux ihallsu ghax kienu tal-fehma li is-socjeta` attrici ma kinitx strumentali biex tlaqqaghhom ma’ Blokrete Limited. (ara ittra tas-socjeta’ konvenuta a fol 61).

Dwar dina l-kwistjoni l-Qorti tikkonkludi li s-servizzi rezi mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta jikkonsistu principalment li:

1. informawha dwar il-progett
2. ikkonvincewha tiehu interess fih
3. irregistraw l-interess ta’ Skanska fil-progett
4. baghtulha dokumenti relevanti
5. Ghamlu arrangjamenti ghal mawra taghhom f’Malta;
6. laqqghuha mal-kuntrattur Malti Charles Polidano.

Ghal dawn is-servizzi, is-socjeta` attrici ghandha tinghata kumpens, ghaliex ghalkemm bil-bidu dawn saru fuq inizjattiva taghha stess, tkomplew fuq inkariku tas-socjeta` konvenuta, li ma tistax tippretendi li ma thallasx ghal-istess servizzi.

Il-Qorti ser tghaddi ghal-likwidazzjoni ta’ l-ammont li ghandu jithallas *arbitrio boni viri* stante li s-socjeta` attrici ma ressqet ebda prova dwar dak li qed tippretendi jew tat xi rendikont lil dwar l-ammont reklamat u ta l-ispejjez li tghid li kellha taghmel sabiex taqdi l-inkarigu taghha.

Certament illi t-talba lil Skanksa ta’ USD$ 250,000 (ara fol 59/60) hija wahda esagerata, tenut kont tal-limitazzjoni tas-servizzi li wettqet u fliema stadju tal-progett tat is-servizzi taghha kif ukoll l-fatt li huma ma kienux l-unici nies li kienu f’negozjati mal-konvenuti. Madankollu din il-Qorti tifhem il-kobor tal-progett u ghaldaqstant qieghda tiffissa s-somma ta’ ghaxart elf Lira Maltin (Lm10,000) bhala hlas ghas-servigi rezi mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta kif ukoll rimbors ghall-ispejjez li gew inkorsi ghat-twettiq ta’ tali servizzi. Bl-interessi mill-24 ta’ Novembru 1993 id-data meta Skanska International Building AB itterminat is-servizzi tas-socjeta` attrici.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi:
Tichad it-talba attrici in kwantu talbet ghal senserija
izda tilqa' t-talba attrici in kwantu dina talbet hlas ghas-servizzi rezi,
Tichad l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti
u tichad ukoll l-eccezzjonijet fil-mertu;
Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' ghaxart elf Lira Maltin (Lm10,000),
bl-imghax legali mill-24 ta' Novembru 1993
u bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------